**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 1 ta' Marzu, 2016**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 597/2015**

**Carmel sive Charles Scicluna**

**vs**

**Enemalta plc u**
**Automated Revenue Management Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-18 ta' Gunju 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent ilu aktar minn seba' snin jikri l-kiosk "Tiffany's Kiosk", Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsaskala, minghand Joseph Mary u Marisa konjugi Farrell, bil-kundizzjoni fost ohrajn li d-dawl u l-ilma fil-kiosk jibqghu registrati f'isimhom pero l-hlas tal-kera u l-konsum isir mill-esponent;

2. Illi effettivament, l-esponent dejjem hallas il-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma direttament lill-intimati, li min-naha taghhom dejjem accettaw il-hlas minghandu.

3. Illi f'April 2015, l-imsemmija Joseph Mary u Marisa konjugi Farrell talbu lill-esponent jizgombra minn dan il-kiosk, u bdew proceduri ta' zgumbrament kontrieh fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Joseph Mary u Marisa konjugi Farrell vs Carmel Scicluna (Rikors Guramentat Numru 394/2015 LSO).

4. Illi l-esponent qed jikkontesta dawk il-proceduri, li ghadhom pendenti.

5. Illi fl-istess zmien, l-esponent ghamel arrangament mal-intimata ARMS Limited biex ihallas kont permezz ta' cekkijiet post dated, f'idejn l-istess ARMS Limited.

6. Illi b'danakollu, minkejja dan l-arrangament, fis-6 ta' Mejju 2015, l-intimati baghtu l-haddiema taghhom biex jaqtghu d-dawl tal-kiosk. Meta l-esponent gibdilhom l-attenzjoni dwar l-arrangament bil-post dated cheques li kellu mal-intimati, huma ssuggerewlu li xorta wahda jhallas kollox f'salt. L-esponent ghamel dan l-ghada stess, fis-7 ta' Mejju 2015.

7. Illi madankollu, fl-istess jum li effettwa l-hlas, l-intimati regghu baghtu lill-haddiema taghhom biex jaqtghu d-dawl tal-kiosk tal-esponent. Dan qalu li kienu qed jaghmluh fuq talba ta' sid il-kera.

8. Illi l-intimati hadu din id-decizjoni b'abbuz tas-setghat, u tal-posizzjoni dominanti bhala l-uniku provditur tas-servizz tad-dawl f'Malta, u ghalhekk l-istess decizjoni kienet abbuziva u ma tiswiex.

9. Illi fuq talba tal-esponenti, din il-Qorti permezz ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Inib. Nru. 736/2015) zammet lill-intimati milli jaqtghu, jitterminaw, jew izommu maqtugha, sospiza u terminata l-provvista tad-dawl fil-kiosk tal-esponent.

10. Illi jekk l-intimati jithallew iwettqu d-decizjoni abbuziva u illegali taghhom, l-esponent ibati hsarat u danni ingenti minhabba li jitlef il-prodotti tal-ikel li ghandu mahzuna, filwaqt li ma jkunx jista' jibqa' ghaddej bin-negozju tieghu mill-kiosk.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni tal-intimati li jissospendu l-provvista tad-dawl u l-ilma fil-kiosk "Tiffany's Kiosk", Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsaskala, hija abbuziva, illegali u ma tiswiex;

2. Konsegwentement tiddeciedi li l-intimati m'ghandhomx jedd jaqtghu s-servizz tad-dawl u l-ilma f'dan il-kiosk.

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra kompetenti lill-esponent kontra l-intimati, inkluz ghad-danni, u bl-ispejjez kontra l-istess intimati li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetajiet konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-azzjoni attrici hija inammissibli, stante li mhuwiex car liema azzjoni qeghda tigi tentata mir-rikorrenti, u ma gie ndikat l-ebda artikolu tal-ligi taht liema tali azzjoni qeghda tingieb il-quddiern, ghalhekk irrid jigi ccarat l-oggett tal-kawza ai termini tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in oltre u preliminarjament, l-azzjoni attrici hija inammissibli wkoll, peress li hemm l-inkompetenza rationae materia ta' din il-Qorti abbazi tal-Att dwar l-Arbitragg, Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi in vena preliminari wkoll u bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur irrid jiddeciedi liema proceduri gudizzjarji jrid izomm ghaddejjin gjaladarba gie pprezentat Arbitragg

fl-istess ismijiet u bl-istess talbiet fl-istess data tar-Rikors promotur mertu ghal din ir-risposta. In fatti dan l-Arbitragg li jgorr in-numru ta' referenza EW4397/2015, huwa identiku ghal din il-kawza;

4. IIli s-sid tal-fond in kwistjoni cioe "Tiffany's Kiosk", li tinsab f'Pjazza Dun Tarcisio Agius, Marsaskala huwa certu Joseph Farrell (K.I. 181158M) u l-unika relazzjoni guridika Ii tezisti fil-kaz hija mieghu u mhux mar-rikorrent. L-imsemmi Joseph FarreII jikri I-imsemmi fond lir-rikorrenti;

5. Illi l-imsemmi Joseph FarreII huwa l-konsumatur tad-dawl u tal-kurrent tal-elettriku u dan ai termini tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku, Legislazzjoni Sussidjarja 423.01. Il-persuna rregistrata bhala konsumatur ghall-provvista tad-dawl u tal-kurrent elettriku mal-intimati huwa Joseph FarreII u mhux ir-rikorrent;

6. IIli s-socjetajiet intimati rcevew taIba minghand I-imsemmi Joseph Farrell sabiex jitnehha s-servizz tad-dawl u I-elettriku ghall-fond in kwistjoni u dina I-applikazzjoni giet processata u kollox sar b'mod regolari peress illi Joseph Farrell huwa I-konsumatur tad-dawl u I-elettriku rikonnoxut mill-intimati;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fir-rigward tal-mertu, is-socjetajiet esponenti jirrispingu t-talbiet attrici bhala nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu;

8. Illi l-eccipjenti fil-kwalita li huma mharrkin ma ghandhom l-ebda rabta guridika mal-attur u ghalhekk is-socjetajiet esponenti b'hekk imisshom jinhelsu milli jibqghu fil-kwalita taghhom ta' intimati, bi spejjez ghal attur;

9. IIli I-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa dejjem hallas il-kontijiet tad-dawl u I-ilma lill-intimati hu u li huma dejjem accettaw il-hlas huwa rrelevanti peress illi r-rikorrenti mhuwiex il-konsumatur rikonoxxut mill-intimati skond il-ligi u, jekk ghall-grazzja tal-argument kien qed ihallas ir-rikorrent ghan-nom ta' Joseph Farrell dan ma jfissirx li r-rikorrent awtomatikament isir iI-konsumatur hu ghax qatt ma informa lill-intimati li ried issir il-konsumatur minflok Joseph Farrell u barra minn hekk artikolu 1148 u artikolu 1149(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermettu lill-terzi jhallsu kreditur ghan-nom tad-debitur:
"1148. (1) L-obbligazzjoni tista' tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn kull persuna li jkollha interess fiha, Mal wiehed li jkun obbligat fIimkien ma' ohrajn jew garanti.
(2) L-obbligazzjoni tista' wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghall-helsien tad-debitur, jew, jekk tagixxi fl-isem taghha nfisha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur. Il-kreditur ma jistax jirrifjuta Mas minn terza persuna.
1149. (1) II-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur ..."

10. Illi l-konvenuti jafu b'dawn il-fatti personalment;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, partikolarrnent wara li jsiru l-kjarifiki fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-ewwel eccezzjoni giet irtirata fil-verbal tat-8 ta' Ottubru 2015;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

It-tieni eccezzjoni hi fis-sens illi din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza tisma hi din il-kawza peress illi josta l-provvedimenti tal-Kap. 387 cioe l-Att dwar l-Arbitragg.

Il-Qorti qieset illi din hi kawza diretta kontra l-Enemalta u l-Automated Revenue Management Services Limited, zewg entitajiet konnessi mal-provvista ta' dawl u gbir ta' hlas ghas-servizz provdut. Il-kawza hi intiza biex il-Qorti tiddikjara li s-sospensjoni tal-provvista ta' dawl u ilma fil-kiosk operat mill-attur hi wahda abusiva u illegali ghax saret b'abbuz tas-setghat moghtija u tal-pozizzjoni dominanti fis-suq bhala l-uniku provveditur tas-servizzi tal-ilma u elettriku.

Ir-Raba Skeda tal-Kap. 387 fejn jitratta 'mandatory arbitration' ighid hekk:

> 1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma
>
> Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-energija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u ghad-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma:
>
> Izda l-konsumaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-kaz, skont il-procedura stabbilita b'dan l-Att:
>
> Izda wkoll, minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi oħra u minghajr pregudizzju ghal kull kawza pendenti, it-Tribunal tal-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni eskluziva li jittratta dawn il-kazijiet.

Il-ligi hi cara. Fost affarijiet ohra kull tilwima rigwardanti l-provvista jew inversament in-nuqqas ta' provvista ta' elettriku ghandha tigi riferita lic-centru tal-Arbitragg li ghandu gurisdizzjoni esklussiva fuq tali vertenza. L-attur qed jitlob lil Qorti tiddikjara n-nuqqas ta' provvista ta' elettriku lilu ghar-ragunijiet imsemmija fl-att promotur hi wahda abusiva. Pero kif specifika hu fil-verbal tat-8 ta' Ottubru 2015, din il-kawza hi wahda ta' hsara jew danni naxxenti mill-ligi civili. Ma specifikax taht liema artikolu tal-ligi civili qed jigu invokati dawn id-danni prezumibilment naxxenti minn fatt dannuz attribbwibbli lil konvenuti.

Kwindi d-decizjoni dikjaratorja mitluba ser titratta l-fatt tat-tnehhija tal-provvista tas-servizz ta' elettriku kif specifikat fil-Kap. 387 Raba Skeda u jekk dan il-fatt ikkawzax dannu u jekk dan id-dannu hux attribwibbli lil konvenuti jew min minnhom kif qed jigi allegat. Dan l-ilment kif maghmul u kif iccarat bil-verbal tal-istess attur jidhol fil-parametri ta' dak li hu deducibbli mir-raba' Skeda tal-Kap. 387. Fil-fatt jirrizulta illi l-istess attur fetah proceduri arbitrali li skond il-konvenuti ghandu mertu identiku ghal din l-azzjoni. Dan ifisser li bl-ghemil tieghu qed jikkoncedi li l-kwistjoni hi wahda li taqa' fil-parametri tal-Kap. 387.

L-eccezzjoni tal-konvenuti ghalhekk fiha mertu u ghandha tigi akkolta. Ara fl-istess sens **Gold Circle Developments Limited vs Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma et** (PA 17/10/2013).

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-atturi illi la darba f'kawzi minnu citati l-procedura ta' arbitragg f'din il-ligi gew dikjarati lesivi tad-dritt ta' smigh xieraq, allura b'daqshekk din il-Qorti ghandha b'xi mod tinjora l-ligi. Is-sentenzi kwotati japplikaw inter partes u mhux ergo omnes u di piu l-ligi ma gietx abrogata u ghadha in vigore sallum. Din mhix kawza kostituzzjonali u ghalhekk is-sottmossjoni tal-attur mhix ta' solliev ghal vertenza.

Billi din il-Qorti ma tistax tisma' din il-kawza ghax josta ghaliha dak provdut fil-Kap. 387, ma tqis necessarju li tidhol ukoll fil-mertu tat-tielet eccezzjoni.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-Qrati ordinarji ma ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu din il-vertenza. Spejjez ghall-attur.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur